

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tat-12 ta' Lulju 2011 — Fuji Electric vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-132/07) ⁽¹⁾

("Kompetizzjoni — Akkordju — Suq tal-proġetti ta' switch-gears insulati bil-gass — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE — Tqassim tas-suq — Prova tal-ksur — Imputabbilità tal-agħir li jikkostitwixxi ksur — Dewmien tal-ksur — Multi — Ċirkustanzi attenwanti — Kooperazzjoni")

(2011/C 252/72)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Fuji Electric Co. Ltd (li qabel kienet Fuji Electric Holdings Co. Ltd, aventi kawża ta' Fuji Electric Systems Co. Ltd) (Kawasaki, il-Ġappun) (rappreżentanti: P. Chappatte u P. Walter, solicitors)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn F. Arbault, sussegwentement minn X. Lewis, J. Bourke u F. Ronkes Agerbeek, u fl-aħħar minn N. Khan u F. Ronkes Agerbeek, aġenti, assistiti minn J. Holmes, barrister)

Suġġett

Talba għall-annullament parpjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2006) 6762 finali, tal-24 ta' Jannar 2007, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/F/38.899 — Switchgear insulat bil-gass) u, talba għat-tnejja tal-ammont tal-multa imposta fuq Fuji Electric Holdings u fuq Fuji Electric Systems.

Dispożittiv

- (1) L-Artikolu 1(h) u l-Artikolu 2(d) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2006) 6762 finali, tal-24 ta' Jannar 2007, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/F/38.899 — Switchgear insulat bil-gass), huma annullati, sa fejn jikkonstataw jew huma bbażati fuq il-konstatazzjoni li Fuji Electric Systems Co. Ltd, li l-aventi kawża tagħha hija Fuji Electric Co. Ltd, tista' tinżamm personalment responsabli għall-ksur fil-periżodu bejn ix-xahar ta' Settembru 2000 u t-30 ta' Ġunju 2001.
- (2) L-ammont tal-multa imposta fuq Fuji Electric, li qabel kienet Fuji Electric Holdings Co. Ltd, aventi kawża ta' Fuji Electric Systems Co. Ltd, fl-Artikolu 2(d) tad-Deċiżjoni C(2006) 6762 finali huwa stabbilit għal EUR 2 200 000.
- (3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tħalli kwart tal-ispejjeż ta' Fuji Electric kif ukoll kwart tal-ispejjeż tagħha stess.
- (4) Fuji Electric għandha tħalli tliet kwarti tal-ispejjeż tagħha stess kif ukoll tħalli kwarti tal-ispejjeż tal-Kummissjoni.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tat-12 ta' Lulju 2011 — Mitsubishi Electric vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-133/07) ⁽¹⁾

("Kompetizzjoni — Akkordji — Suq ta' proġetti li jirrigwardaw switchgear insulat bil-gass — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE — Tqassim tas-suq — Drittijiet tad-difiża — Prova tal-ksur — Tul tal-ksur — Multi — Ammont inizjali — Sena ta' referenza — Trattament ugwal")

(2011/C 252/73)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Mitsubishi Electric Corp. (Tokyo, il-Ġappun) (rappreżentanti: R. Denton, solicitor, u K. Haegeman, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: iniżjalment minn F. Arbault u J. Samnadda, sussegwentement minn X. Lewis, sussegwentement minn P. Van Nuffel u J. Bourke, u fl-aħħar minn P. Van Nuffel u N. Khan, aġenti)

Suġġett

Principalement, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2006) 6762 finali, tal-24 ta' Jannar 2007, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/F/38.899 — Switchgear insulat bil-gass), sa fejn din tirrigwarda lir-rikorrenti u TM T&D, sussidjarjament, talba għall-annullament tal-Artikolu 2(g) ta' din id-deċiżjoni kif ukoll tal-Artikolu 2(h) tal-imsemmja deċiżjoni, sa fejn din tirrigwarda lir-rikorrenti, u, iktar sussidjarjament, talba għall-emenda tal-Artikolu 2 tal-istess deċiżjoni fid-dawl tal-annullament jew, fin-nuqqas ta' dan, tat-tnejja tal-ammont tal-multa imposta lir-rikorrenti.

Dispożittiv

- (1) L-Artikolu 2(g) u (h) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2006) 6762 finali, tal-24 ta' Jannar 2007, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/F/38.899 — Switchgear insulat bil-gass), huwa annullat sa fejn jirrigwarda Mitsubishi Electric Corp.
- (2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- (3) Mitsubishi Electric għandha tħalli kwartil mill-ispejjeż tagħha stess.
- (4) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tħalli kwartil mill-ispejjeż tagħha stess kif ukoll tħalli kwartil mill-ispejjeż tal-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 140, 23.6.2007.

⁽¹⁾ ĠU C 140, 23.6.2007.